MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 225/2006/1

**Richard Muscat**

**Vs**

**Karl Schembri**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-07 ta’ Mejju 2012, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikorsipprezentat fl-26 ta' Lulju, 2006 fejn fuq, talba ta' Richard Muscat, il-Qorti intalbet sabiex jigi dikjarat illi allegazzjonijiet kontenut f'artikolu intitolat "Voice of Muscat to be heard tomorrow in VOM scrutiny", ippublikat fil-Malta Today tat-23 ta' Lulju 2006, ta' liema artikolu Karl Schembri kien l-awtur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur bi skop li jtellef u jnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu. Ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tillikwida somma ai termini tal-Artiklu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni.*

*Rat l-eccezzjonijiet ta' l-istess Karl Schembri, li preliminarjament eccepixxa li r-rikorrent jindika ghal-liema parti mill-artikolu inkriminanti kien qieghed jirreferi.*

*Sussegwentement eccepixxa wkoll li sa fejn jirrigwarda r-rikorrent dak li ntqal fl-artikolu in kwistjoni kien kostruwit fuq fatti sostanzjalment veri u li jammontaw ghal fair comment. Madanakollu, huwa ammess illi gie rapportat bi zvista li kuntratt sar mat-tifel tar-rikorrenti, meta l-kuntratt sar ma' kumpanija li kienet timpjega l-istess tifel u di fatti gja saret id-debita korrezzjoni u kjarifika.*

*Il-konvenut eccepixxa wkoll li fi kwalunkwe kaz l-artikolu in kwistjoni ma fih xejn malafamanti fit-termini illi titlob il-Ligi u li kien dritt tal-intimat li jirrapporta dwar avveniment li mhux biss kien ta' kontroversja nazzjonali imma kien fl-interess pubbliku.*

*Fl-ahharnett eccepixxa wkoll li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrent.*

***<u>Provi</u>***

*Rat ix-xhieda ta'l-attur* ***Richard Muscat*** *li nghatat fis-7 ta' Marzu 2007 fejn huwa, ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat, indika liema kienu l-brani malafamanti fl-artikolu in kwistjoni. Huwa indika illi fir-raba kolonna, it-tielet paragrafu intqal "Among the most glaring expenditures listed by the National Audit Office , Muscat spent Lm140,000 on internet radio in a contract awarded to his son "solely on mutual trust", after having cancelled and identitcal contracts with his son costing far less".*

*Muscat jistqarr illi dana huwa l-parti tal-artikolu li huwa jikkontendi li huwa malafamanti fil-konfront tieghu peress illi wegghu lilu personalment u nvolvew direttament lill-familja tieghu. Huwa cahad illi qatt li ta' xi kuntratt lit-tfal tieghu kif qed jigi allegat. Muscat dwar il-mija u erbghin elf Liri Maltin (Lm140,000) li ntefqu fuq internet radio jghid li dan m'huwiex minnu u jghid illi kien hemm zewg kuntratti li n-nefqa totali tieghu kien ta' tnejn u sittin elf Liri Maltin (Lm62,000) u ghalhekk m'hijiex minnu li n-nefqa li kien qed jigi allegat ta' mija u erbghin elf Liri Maltin (LM140,000).*

*Dwar lil min ta' l-kuntratt huwa qal illi huwa tah lil persuna illi kellu fama professjonali u li huwa kien jafdah tant huwa li huwa tah ic-cavetta tal-fond u huwa kellu access ghad-dokumentazzjoni kollha ta'l-istazzjoni ghal dak li jirrigwarda internet u l-website.*

*Mistoqsi dwar il-'Voice of the Mediterranean', huwa qal li dahal bhala managing director ta'l-istazzjoni f'Lulju tas-sena 2000 wara li gie hekk appuntat mill-Ministeru ta'l-Affarijiet Barranin. Huwa kien appuntat wara li kien hemm konsultazzjoni mal-Bord ta'l-Amministrazzjoni tal-'Voice of the Mediterranean' li kien jikkomponi minn zewg membri appuntati mill-Ministeru ta'l-Affarijiet Barranin ta' Malta u zewg membri appuntati mill-Gvern Libjan. Huwa kien jirrispondi direttament lil dan il-Bord ta' Amministrazzjoni u kellu struttura interna fi hdan tali radio fejn kellu accountant u awdituri li jezaminaw il-kontijiet u l-performance tar-radju.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Karl Schembri*** *moghtija fil-21 ta' Marzu 2007 fejn huwa stqarr fejn filwaqt li kkonferma li huwa l-awtur tal-artikolu mertu tal-kaz odjern jigifieri tad-9 ta' Lulju, 2006 hu jirrikonoxxi li fl-artikolu hemm zball u dan fis-sens illi l-kuntratt ma kienx inghata lit-tifel ta' Richard Muscat, kif gie indikat fl-artikolu izda kien attwalment inghata lill-kumpanija li kienet timpjega lill-istess tifel tieghu.*

*Schembri stqarr ukoll illi wara li sar jaf b'tali zball huwa ghamel pubblikazzjoni ta' spjegazzjoni u ratifika kemm fil-gazzzetta Malta Today kif ukoll fuq l-Internet. Il-Qorti ghandha tirrileva, f'dan l-istadju, li ghalkemm kopja tal-pubblikazzjoni li dehret fl-internet giet esebita fil-Qorti u din tidher a fol 25 tal-process, kopja ta' pubblikazzjoni simili fil-gazzetta Malta Today qatt ma giet riprodotta. Ghalkemm l-istess konvenut intrabat illi jipprezenta estratt tal-gazzetta Malta Today, tali estratt qatt ma gie pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti.*

*Schembri imbaghad jghid li dwar l-ammont ta' mija u erbghin elf Lira Maltin (LM140,000) li huwa ndika li ntefqu, dan rrizultalu mir-rapport tan-National Audit Office u nfatti l-istess Schembri jaghmel riferenza ghar-rapport redatt mill-awditur Generali intitolat Enquiry and report on the operations of the Voice of the Mediterranean radio station, ippreparat f'Mejju 2006 u esebit bhala dokument JB1 a fol 51. Hemm indikat fl-istess rapport li n-nefqa totali ta' mija u erbghin elf Liri Maltin (LM140,000). Schembri kien obbliga ruhu li jipprezenta prospett ghal kif wasal ghac-cifra ta' mija u erbghin elf liri Maltin (Lm140,000) liema prospett izda qatt ma gie minnu pprezentat.*

*Dwar l-artikolu mertu tal-kawza odjerna, Schembri qal li qabel ma ppubblika tali artikolu huwa kkomunika mas-sur Muscat, li dak iz-zmien kien l-Irlanda fil-kapacita tieghu ta' Ambaxxatur ta' Malta, qallu dwar dak li ser jikteb u meta staqsih dwar il-kummenti tieghu huwa nkludihom fl-artikolu ukoll. Madanakollu, Schembri kkonferma li fl-ebda mument ma staqsa domanda diretta lil Muscat dwar l-involviment ta' ibnu fil-kwistjonijiet.*

*L-istess Schembri fix-xhieda tieghu ikkonferma li r-ratifika eventwalment giet ippublikata fuq l-internet u allegatament anke fuq il-gazzetta Malta Today u dina saret wara li gietipprezentata l-kawza.*

*Fit-12 ta' April, 2007 rega' xehed* ***Richard Muscat****, din id-darba in kontro ezami, fejn ikkonferma li t-tifel tieghu Mariano kien impjegat mas-socjeta Cyber Space Design Malta li kienet ta' proprjeta ta' Anthony Cassar. Huwa stqarr illi huwa ffirma l-kuntratt mal-kumpanija ossia entita Cyber Space Design fl-14 ta' Settembru, 2001 u sussegwentement iffirma kuntratt iehor fis-7 ta' Mejju 2002. Huwa kkonferma li Tony Cassar kien jafu u li kien ta' certa fama professjonali u kien jafdah u kien abbazi tal-fiducja li huwa kien bena fih li wasal sabiex jaghmel il-kuntratti mal-istess Tony Cassar.*

*Dwar il-kuntratti li ffirma ma'l-istess Cyber Space Design, Muscat stqarr illi meta huwa dahal fil-post bhala managing director tal-Voice of The Mediterranean, ried jibda l-process ta' kompjuterizzazzjoni u digitazzjoni ta'l-istazzjon. Kien ghalhekk illi huwa beda jixtri kompjuters minn diversi ditti u agenti differenti, izda meta bdew jinqalghu d-diffikultajiet dwar tali kompjuters u kien igib it-technician sabiex jirrangah kien isib id-diffikultajiet ghaliex technician ma kienx ikun irid jirranga kompjuter ta' ditta ohra ghar-ragunijiet li kienu jafuh huma.*

*Kien ghalhekk illi huwa wasal sabiex jiddeciedi li jqabbad lil xi hadd sabiex ikun jista' jimmanigjalu s-sistemi kollha li kellu fil-kompjuters u peress illi kien jaf illi s-sur Tony Cassar kien kapaci jaghmel hekk, kien anke qabbad lis-sur Tony Cassar sabiex jaghmel tramite s-socjeta Cyber Space Design.*

*Huwa stqarr illi qabel ma ha decizjoni dwar il-kuntratti li ghamel mas-sur Cassar huwa kkonsulta l-kwistjoni mal-kunsilliera Maltin li kienu tqabbdu*

*mill-Gvern ta' Malta sabiex jaghtu l-pariri ta' kif ghandu jsir l-implimentazzjoni ta'l-izvilupp tal-Voice of the Mediterranean illi dak iz-zmien ma kienx ghadu qed jircievi fondi minghand il-Gvern Libjan u allura kien qed jigi ffinanzjat direttament mill-Gvern ta' Malta.*

*Dwar il-fatt illi Muscat stqarr illi huwa appunta lil Cassar "solely on mutual trust" huwa stqarr li filwaqt li huwa minnu li huwa qal hekk lill-awdituri meta l-awdituri generali tal-Gvern kienu qeghdin jaghmlu studju sabiex jaslu ghar-rapport illi ssemma' aktar il-quddiem. Huwa kien spjegalhom illi kien ta' l-kuntratt lis-sur Anthony Cassar "solely on mutual trust" fis-sens illi hu kien diga kellu esperjenza fir-relazzjoni personali tieghu mas-sur Cassar u wasal ghall-konkluzjoni illi hu kien kompetenti bizzejjed u persuna li jista' jafdaha bizzejjed biex ikun jista' jaghmel ix-xoghlijiet ta' ristrutturar digitali ta'l-istess radju.*

*Muscat, mistoqsi jekk it-tifel tieghu Mariano kienx involut fin-negozjati b'xi mod jew iehor, jikkonferma illi t-tifel tieghu qatt ma kien involut fin-negozjati u jikkonferma wkoll li t-tifel tieghu kien impjegat mal-kumpanija Cyber Space Design Ltd fl-1 t'Awwissu 2001 filwaqt illi l-kuntratt sar f'Settembru 2001. Stqarr ukoll li l-impjieg ta'l-istess tifel tieghu intemm f'Dicembru 2003 wara li gie tterminat il-kuntratt mas-socjeta' Cyber Space u dan peress illi t-tifel tieghu ma xtaqx jahdem fid-dipartiment tas-sales li kif kien rega' gie strutturat il-kumpanija Cyber Space Malta wara li tilfet il-kuntratt u xtaq li jkompli l-istudji tieghu fil-kamp tal-Information Technology.*

*Huwa stqarr illi kien jaf li l-istess tifel tieghu kien impjegat ma' Cyber Space Design izda dan ma affetwax in-negozjati li huwa kellu mal-istess intrapriza peress illi t-tifel ma kien involut xejn f'din il-kwisjtoni. Stqarr ukoll illi meta huwa kien gab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera Maltin dwar in-negozjati ma' Cyber Space Design dak iz-zmien it-tifel tieghu ma kienx ghadu gie impjegat mal-istess kumpanija.*

*Fl-4 ta' Dicembru 2007, l-istess* **Richard Muscat** *rega' xehed fejn stqarr illi kienu saru allegazzjonijiet f'gazzetti lokali ohra ossia fl-Orizzont, fejn intqal illi huwa kien utilizza fondi tal-Voice of the Mediterranean sabiex jiffinanza kampanja elettorali tieghu jew ghal xi uzi privati tieghu izda wara li hu kien baghat ittra sabiex jichad kategorikament il-kontenut ta' tali ittri, huwa kien ghazel illi ma jkomplix b'azzjoni legali kontra l-istess Orizzont peress illi huwa kien dak iz-zmien imhabbat bix-xoghol l-Irlanda bhala Ambaxxatur ghal Malta u ma xtaqx jibda proceduri f'Malta. Madanakollu huwa stqarr u kkonferma illi huwa qatt ma uza fondi tal-Voice of the Mediterranean, kemm ghal uzu personali u kemm ghal xi kampanja elettorali tieghu.*

*Fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2008 xehed* **John Burlo** *in rapprezentanza tal-Awditur Generali, fejn esebixxa kopja tar-rapport illi gja issemma' aktar il-quddiem redatt mill-Awditur Generali u kkonferma li l-key issue tal-kwistjoni kienet il-kuntratti li nghataw mill-managing director fuq rakomandazzjoni ta' third parties. Huwa kkonferma ukoll li l-istess Voice of the Mediterranean ma kienx jaqa' taht l-istrutturi tal-financial regulations tal-Gvern u allura ma kienx hemm il-htiega li jigu osservati r-regolamenti finanzjarji adoperati mill-ghola istituzzjonijiet tal-pajjiz.*

*Huwa stqarr illi fir-rapport kien irrizultalhom li t-tifel ta' Richard Muscat, ossija Mariano Muscat kien qed jahdem mal-istess kumpanija li kienet attwalment inghatat il-kuntratt u kienet ingibdet l-attenzjoni tas-sur Muscat li dina ma kienetx haga opportuna.*

*Fil-25 ta' Frar, 2009 xehed* **Anthony Cassar** *fejn stqarr illi huwa managing director tal-kumpanija Cyber Space Computers Ltd f'liema kumpanija, meta nghataw il-kuntratt tal-Voice of the Mediterranean, kien hemm tlett impjegati fosthom Mariano Muscat illi gie impjegat fl-1 ta' Awwissu 2001. Cassar stqarr illi l-ewwel kuntratt li nghata mill-Voice of the Mediterranean ittiehed f'Settembru tat-2001 u kien kuntratt zghir fis-sens illi kien jirrigwarda d-disinjar u l-introduzzjoni ta' website tal-istess radju. It-tieni kuntratt kien imbaghad kien ittiehed fil-5 ta' Mejju 2002.*

*Stqarr ukoll illi jekk wiehed ihares lejn dawn iz-zewg kuntratti flimkien, wiehed seta' jikkalkula li l-valur kien ilahhaq mal-mija u erbghin elf liri Maltin (LM140,000). Madanakollu dan l-ammont qatt ma mmaterjalizza ruhu peress li wara seba' xhur illi dahal in vigore t-tieni kuntratt li kellu tlett snin u li kellu valur ta' Lm36,000 fis-sena, dan twaqqaf peress illi kien hemm decizjoni li l-Voice of the Mediterranean jinghalaq.*

*Dwar kif inghataw il-kuntratti, Cassar stqarr li huwa kien intalab jaghmel presentation dwar kif haseb li tista' ssir id-digitazzjoni ta' stazzjon, liema presentation huwa ghamel, eventwalment ta quotation u liema quotation giet accettata. Huwa rega' kkonferma izda li l-kuntratt ta' tlett snin gie tterminat biss wara seba' xhur u allura l-valur tal-mija u erbghin elf Liri Maltin ma thallasx, izda somma ferm anqas li tkompri periodu ta' seba xhur biss.*

*Dwar Mariano Muscat, huwa stqarr illi ghalkemm, wara l-kuntratt tal-Voice of the Mediterranean gie terminat, huwa kien offrielu illi Muscat jibda jahdem fuq is-sales tas-servizzi tal-kumpanija peress illi kienet saret ristrutturazzjoni tal-istess kumpanija, l-istess Muscat ma xtaqx jahdem f'dan il-kamp peress illi kien tekniku u ried joqghod fil-kamp ta' l-information technology u ried ikompli jistudja.*

*Stqarr ukoll li Muscat qatt ma kien involut fl-ebda negozjati mal-Voice of the Mediterranean u lanqas kien jaf bihom u kien kollox sar tramite Richard Muscat. Fuq domanda jekk Anthony Cassar qattx ghamel xi xoghol lil Richard Muscat fuq kampanja elettorali jew politika tieghu huwa kkonferma li qatt m'ghamel ebda tip ta' xoghol f'dan is-sens.*

*Fl-ahharnett Cassar stqarr illi ma kienx veru dak li qed jigi allegat li l-ammont ta' sitta u tletin elf Liri Maltin (LM36,000) kienu qed jinghaddew lil Mariano Muscat direttament u dan peress illi Mariano Muscat kellu*

*paga mal-istess socjeta' ferm anqas minn dak l-ammont u l-ammont ta' sitta u tletin elf Liri Maltin (Lm36,000) kellu jithallas lis-socjeta.*

*Fit-13 ta' Mejju 2009 xehed imbaghad* ***Mariano Muscat*** *it-tifel tal-attur Richard Muscat fejn stqarr illi huwa kien impjegat fuq bazi part-time fejn jaghmel xoghol ta' web design, troubleshooting u xoghlijiet ohra tal-information technology mas-socjeta' Cyber Space Design Ltd u maghhom kellu paga fissa ta' mitejn u hamsin lira (LM250) fix-xahar b'ebda dritt ghal commissions. Ikkonferma li huwa qatt ma kien involut f'ebda negozjati u diskussjonijiet li jirrigwardaw il-Voice of the Mediterranean u kkonferma illi hu kien beda mas-socjeta' Cyber Space Design Ltd fl-1 t'Awwissu 2001.*

*Dwar Tony Cassar huwa stqarr illi huwa kien jafu fiz-zmien ta'l-iskola ghaliex kienu fl-istess klassi u kellhom l-istess interessi ossia l-interess ta'l-internet u anke kienu jaghmlu xi affarijiet bhala hobby fil-kamp ta'l-internet meta dahal l-internet. Huwa madanakollu kellu job manigerjali qabel ma' beda ma' Cyber Space izda kien interessat fil-kamp tal-information technology u allura meta ghazel li jidhol fil-kors ghal Degree tal-Universita nel frattemp dahal fuq bazi part-time mas-socjeta Cyber Space Design Ltd.*

*Huwa kkonferma wkoll li Tony Cassar qatt ma hadimlu xi xoghol ta' pubblicita ghall-fini tal-elezzjoni generali peress illi kien ikun hu stess, it-tifel tieghu, li ha hsieb dawn l-affarijiet kollha. U kkonferma bl-aktar mod kategoriku li huwa qatt ma ha one cent minghand missieru mill-allegat kuntratti tal-mija u erbghin elf Lira Maltin (Lm140,000) li semmew fl-artikolu. Kuntratti qatt ma ffirma hu. Dwar jekk hax passi fuq dak allegat fuqu, huwa qal li hu la kellu hin u lanqas rizorsi sabiex jiehu tali proceduri.*

*Il-Qorti rat illi fid-9 ta' Marzu, 2000 l-istess Qorti, diversament presjeduta, kienet giet infurmata li l-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jitransigu l-*

*kwistjoni izda sussegwentement fis-7 t'April tal-istess sena, il-Qorti giet infurmata li l-partijiet ma waslux ghal soluzzjoni bonarja.*

*Fis-7 ta' Dicembru, 2010, il-partijiet iddikjaraw li ma baqghalhomx aktar provi x'jipprezentaw u sussegwentement fil-11 ta' Novembru 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza.*

***Fatti***

*Il-kawza odjerna tirrigwarda artikolu li gie ppublikat fil-Malta Today fit 23 ta' Lulju 2006 intitolat "Voice of Muscat to be heard tomorrow in VOM scrutiny";*

*Waqt il-provi tal-kawza irrizulta illi l-parti li l-attur qieghed jikkontendi li huwa malafamanti fil-konfront tieghu bl-iskop li jtellfulu u li jnaqqsulu r-reputazzjoni tieghu, hija l-parti fejn issir referenza ghat-tifel tieghu u gie indikat illi hu ta' kuntratt ta' mija u erbghin elf Liri Maltin (LM140,000) li t-tifel tieghu "solely on mutual trust".*

*Jirrizulta wkoll, kemm mill-eccezzjonijiet pprezentati mill-intimati, kif ukoll mid-dokument ipprezentat u li jidher a fol 25 tal-process, li fit-8 t'Awwissu 2006 saret kjarifika fejn gie indikat illi "it was reported that Richard Muscat had awarded an internet radio contract to his son, this should have read that the contract was awarded to the company employing his son. The mistake is regretted."*

*Ghalkemm l-istess konvenut stqarr li tali kjarifika harget ukoll fil-gazzetta Malta Today u obbliga ruhu li jesebixxi kopja tal-istess estratt biex il-*

*Qorti tkun a konjizzjoni tal-fatt li tali pubblikazzjoni saret, tali dokument qatt ma gie prodott.*

***Ikkunsidrat***

*Fil-kaz odjern jirrizulta ampjament ippruvat li mit-tlett elementi mehtiega sabiex libell jirrizulta, zewg elementi minnhom, ossia dawk tal-pubblikazzjoni u tal-identifikazzjoni gja gew sorvolati peress li jidher ampjament car li l-pubblikazzjoni saret u l-identifikazzjoni saret.*

*L-ahhar kwistjoni li l-Qorti jkollha tikkonsidra, hija l-kwistjoni tat-tielet element ossia dak tad-difamazzjoni u l-konvenut irribatta ghal tali difamazzjoni billi qal illi l-kumment illi ghamel hu huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri u li jammontaw ghal fair comment.*

*Kif gie korrettement innotat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Monsinjur Anton Gauci vs Michael Schiavone" deciza fit-8 ta' Novembru 1995, biex id-difiza tal-fair comment tirrizulta, il-kritika "trid tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri".*

*Il-konvenut, biex jiggustifika l-kaz tieghu, jistqarr u jghid illi mill-fatti kif prodotti jirrizulta li hemm konflitt bejn dak li stqarr Richard Muscat u dak li stqarr it-tifel tieghu Mariano Muscat kif ukoll Anthony Cassar. Tali kunflitt huwa fis-sens illi, filwaqt li Richard Muscat stqarr illi meta hu nnegozja ma' Cyber Space Design Ltd ma kienx jaf li t-tifel tieghu kien impjegat ma'l-istess socjeta', Tony Cassar stqarr illi l-kuntratt sar fi ftit gimghat, u allura bil-fors kellu jkun jaf Muscat li t-tifel tieghu kien impjegat. Dana jirrizulta, skond huma, mill-fatt li filwaqt li Mariano Muscat stqarr illi hu beda jahdem fl-1 t'Awwissu 2001, l-kuntratt sar fl-14 ta' Settembru, 2001.*

*Il-konvenut allura juza tali argument biex jghid li la darba jidher li hemm tali konflitt allura r-rikorrent ma jistax jitqies bhala malafamat peress illi l-fatti juru mod iehor.*

*Il-konvenut jirrileva wkoll li r-rikorrent huwa persuna pubblika u fil-kamp politiku u ghalhekk, la darba huwa fil-kamp politiku, l-livell ta' kritika li tista' tigi maghmula fil-konfront ta' tali persuna u li m'ghandhiex titqies bhala libellanti huwa ferm ghola minn dak ta' persuna normali.*

***<u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>***

*Fuq l-argument imressaq mill-konvenut li r-rikorrent huwa persuna pubblika u fil-kamp politika, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi persuna nvoluta fil-kamp politiku hija persuna illi hija effettivament involuta ma' xi kamp politiku fuq kwistjonijiet politici u li ghalihom eventwalment il-kummenti jew l-azzjonijiet li jistghu jaghmlu, huwa suggetti ghal-kummenti li jistghu jkunu ikkritikati ferm iktar mil-livell normali.*

*Jirrizulta izda illi r-rikorrent ma kienx aktar involut fil-kamp politiku tant hu hekk illi fil-mument illi hareg l-artikolu in kwistjoni, l-istess rikorrent kien ambaxxattur ta' Malta barra gew l-Irlanda u ghalhekk ma jistax jitqies illi huwa persuna politika involuta ma xi kamp politiku. Wiehed jista' jikkunsidrah bhala persuna pubblika fis-sens li huwa ufficjal pubbliku ghax huwa ufficjal li qed jirrapprezenta lill-Malta, izda certament ma jistax jitqies bhala persuna li huwa nvolut fil-kamp politiku. Ghalhekk l-argument imressaq mill-intimat li la darba huwa persuna pubblika u fil-kamp politiku allura huwa lecitu li l-istampa tesponi ghall-pubbliku fatti li fihom ikunu involuti persuni politici m' ghandhiex tapplika peress li mhuwiex persuna politika.*

*Tenut kont ta' tali fatt, il-Qorti tghaddi biex tevalwa l-artiklu riprodott mill-intimat u l-kontenut li jinstab go fih sabiex wiehed jaghrbel jekk ir-rikorrent, bhala persuna normali setghatx tigi malafamata jew le.*

*Harsa lejn l-artikolu in kwistjoni juri illi l-artikolista, ossia l-intimat, dahal fil-fond fil-kwistjoni kollha illi kienet qed tigi rapportata u jidher ukoll illi studja r-rapport ipprezentat mill-Awditur Generali tant illi hemm diversi partijiet tar-rapport indikati fl-istess artikolu kif ukoll hemm kummenti tal-istess Richard Muscat fejn ta l-veduti tieghu.*

*Madanakollu jidher li hemm istanza wahda biss fejn ir-rikorrent qed jallega li qed issir il-malafama u ghalhekk il-Qorti ha tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghal dak il-fatt biss u mhux ghal kontenut kollu ta'l-artikolu.*

*Harsa lejn il-parti malafamanti, juri illi fit-tielet paragrafu tar-raba kolonna jintqal, "Among the most glaring expenditures listed by the National Audit Office , Muscat spent Lm140,000 on internet radio in a contract awarded to his son "solely on mutual trust", after having cancelled and identitcal contracts with his son costing far less".*

*Il-Qorti hadet nota wkoll tal-fatt li l-intimat, ossia Karl Schembri, accetta illi huwa ghamel zball u difatti saret kjarifika ta' dak l-izball.*

*Il-Qorti ma tistax madanakollu ma tirrilevax illi l-artikolu mertu ta' dan il-kaz sar fid-23 ta' Lulju, 2006, wara illi kien gia ippubblikat artikolu b'allegazzjonijiet simili fid-9 ta' Lulju 2006, u l-korrezzjoni illi saret, ghalkemm il-Qorti mhijiex provvista bil-korrezzjoni li saret fil-gazzetta nnifisha izda biss bil-korrezzjoni li saret fil-website, tidher illi saret fit-8 t'Awwissu 2006.*

*Il-Qorti ma tafx ukoll jekk l-istess intimat tax l-istess prominenza ta' din il-kjarifika fil-gazzetta Malta Today bhalma kienet l-artikolu nnifsu u dan kien jispetta lill-istess intimat li jipprovdi lill-Qorti dokumentazzjoni biex jipprova li hu tah l-istess importanza.*

*Il-Qorti madanakollu ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-gurnalizmu serju u kif suppost, li dawn il-Qrati jaghmlu minn kollox sabiex jipprotegu u jassiguraw illi jsir, jehtieg li qabel ma wiehed jipproduci artikolu, jivverifika illi l-fatti ikunu kollha korretti, tant hu hekk illi l-bazi tal-argument tal-fair comment huwa bbazat fuq il-fatt illi l-fatti jkunu sostanzjalment veri.*

*Fil-kaz in ezami jidher car illi l-fatti li minnhom qed jaghmel lanjanza minnhom ir-rikorrent, mhumiex veri. Mhumiex veri peress illi l-ebda kuntratt ma nghata lit-tifel u dan ghax il-kuntratti inghataw lill-kumpanija illi fiha t-tifel kien impjegat.*

*Il-Qorti ma tistax ma thossx illi tali nuqqas rreka danni irrimedjabbli lill-persuni li ddahhlu fin-nofs mill-gurnalisti li rrediga l-artikolu. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi tali kliem u tali metodi adoperati mill-gurnalisti huma ntizi unikament sabiex izzid is-sensazzjonalizmu u tkabbar storja bil-ghan illi tinbiegh aktar il-gazzetta minghajr ma jaghtu importanza lill individwi li qed jissemmew u li jispiccaw vittmi ta' tali agir irresponsabbli.*

*Il-Qorti tinnota li kieku l-gurnalist ghamel xogholu kif suppost u ghamel l-istorja bil-fatti kollha veri, certament il-kaz ma kienx jispicca l-Qorti, izda l-fatt li l-gurnalist zbalja u ammetta li zbalja, juri li l-gurnalist, ossia l-konvenut f'dan il-kaz, naqas mill-anqas haga bazika li ghandu jaghmel gurnalist, ossia li jivverifika li l-fatti jkunu korretti qabel ma jippublikahom. Il-gurnalist irid jifhem illi l-media llum hija wahda mill-aktar medium b'sahhithom u meqjusa mill-pubbliku in generali, u s-sahha taghha tista' tkisser persuna. Huwa ghalhekk illi huwa dmir u dover tal-gurnalist li jassikura li dak li jikteb huwa korrett sabiex kemm ma jizgwidax il-*

*pubbliku in geneali u, aktar u aktar importanti, illi ma jaghmilx hsara lill individwi privati li jispiccaw il-vittmi ta' fatti inkorretti.*

*Il-Qorti ma tistax ma tghidx illi, meta dak li jikteb huwa inkorrett, li wiehed jiskuza ruhu ta' dak li kiteb m' huwiex bizzejjed ghaliex skuza xorta wahda ma tirrimedjax ghal hsara li tkun saret. Il-fatt illi tali skuza saret ftit jiem wara li giet ippubblikata l-istorja, ghalkemm il-Qorti ma tafx b'liema prominenza, certament kienet ta' fejda ghall-persuna malafamata u ser tigi kkunsidrata fid-danni kkalkolati. Madanakollu, fil-kaz odjern, peress illi tali artikolu sar fl-isfond ta' artikolu iehor illi ghamel l-istess allegazzjonjiet madwar tlett gimghat qabel, il-hsara kienet gia saret.*

*Il-Qorti, filwaqt illi tassikura li rappurtagg serju u bilancat dejjem sar protett minnha minn azzjonijiet kontriha, ma tistax ma tikkundannax it-tip ta' rappurtagg illi sehh fil-kaz odjern u ma tistax ma tghidx illi tali rappurtagg huwa kkundannabbli u jenhtieg li tinstab responsabbilita tieghu. Mhuwiex bizzejjed li wiehed jiskuza ruhu.*

***<u>Konkluzjoni</u>***

*Il-Qorti wara li rat il-provi kollha, wara li rat il-Ligi u wara li hadet konjizzjoni tal-fatti kollha kif gew ipprovduti, tqis illi l-artikolu "Voice of Muscat to be heard tomorrow in VOM scrutiny" ippublikat fil-Malta Today il-Hadd 23 ta' Lulju, 2006, huwa malafamanti fil-konfront ta'l-attur Richard Muscat u ghalhekk qeghda ssib l-istess konvenut responsabbli talli ghamel libell fil-konfront ta' Richard Muscat u in linea ta' danni qeghda tikkundannah ihallas l-ammont ta' elef Ewro (€1,000) bhala danni sofferti mill-istess attur."*

Aggravat b'din id-decizjoni, l-intimat Karl Schembri qieghed iressaq l-appell tieghu bis-segwenti aggravvji:

1. Illi l-Ewwel Qorti erronjament iddecidiet illi l-appellat ma kienx figura pubblika u dana ghaliex ma kienx ghadu iktar involut fil-kamp politiku. Illi l-appellat tul is-snin okkupa diversi karigi pubblici fosthom ta' Ambaxxatur u ta' kandidat ta' partit politiku u attivista fl-istess. Dana ghaliex persuna pubblika trid tissaporti hafna aktar kritika u attakki minn persuna privata u allura it-test f'kawzi ta' libell ghandu ikun wiehed differenti.

2. Illi fil-mertu l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li kellha quddiemha. Illi ghalkemm l-artikolista xi jiem wara li kiteb l-artikolu mertu tal-vertenza ghamel kjarifika ghal fatti rappurtati fis-sens illi iben l-appellat ma kienx impjegat direttament mar-radju The Voice of the Mediterranean, izda kien impjegat ma' kumpanija li kienet taghmel xoghol ta' *IT networking* u *web design*, ghall-imsemmi stazzjon tar-radju, madanakollu l-implikazzjonijiet kienu l-istess u dana ghaliex iben l-appellat gie impjegat mal-kumpanija u ftit wara inghata l-kuntratt tax-xoghol lil din il-kumpanija u meta ghalaq l-istazzjoni, l-impjieg ta' iben l-appellat ma' din il-kumpanija gie terminat fuq bazi ta' *redundancy*. Kien l-istess Awditur Generali fiz-zmien in kwistjoni li kien investiga dan il-fatt u irrimarka li tali agir ma kienx wiehed trasparenti.

3. L-appellat ma sofriex hsara irreperabbli bil-publikazzjoni mertu ta' dan l-appell u dana ghaliex l-agir tieghu xortawahda kien qed jigi investigat mill-Awditur Generali u ghalhekk din kienet diga storja li kienet fid-dominju pubbliku.

4. L-ammont ta' danni likwidati ta' €1000 mill-Ewwel Qorti huma ingusti. Illi fil-kawza l-ohra bin-numru 217/06 fejn l-appellat hassu malafamat b'artikolu iehor fuq l-istess tema, fuq provi u konsiderazzjonijiet identici, l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni fl-ammont ta' €3000. Illi l-Ewwel Qorti

lanqas hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellanti kien skuza ruhu meta giet biex tillikwida d-danni. Inoltre ghalkemm l-Ewwel Qorti qieset illi l-artikolu mertu ta' din l-kawza kien sar fl-isfond ta' artikolu iehor fejn kienu saru l-istess allegazzjonijiet, il-hsara kienet diga saret u kwindi ma kellhiex ghalfejn terga' tillikwida d-danni f'ammont daqstant konsiderevoli. Finalment gjaladarba l-appellat ma sofra l-ebda dannu ghar-reputazzjoni tieghu in segwitu ghal din il-publikazzjoni u dana ghaliex d-dannu gabu hu fuqu innifsu tant illi kien anke gie assogettat ghall-iskrutinju ta'l-Awditur Generali, l-ammont ta' danni likwidati kien wiehed esagerat.

Illi bi twegiba ghall-ewwel aggravvju imressaq mil-appellanti, l-appellat iwiegeb illi l-punt akkademiku dwar jekk l-appellat kienx jikkwalifika bhala persuna pubblika o meno fiz-zmien li gie ippubblikat l-artikolu mertu tal-kaz, ftit li xejn ghandu rilevanza u dan ghaliex l-artikolu ma jikkonsistiex f'opinjoni jew *valued judgment,* izda huwa rappurtagg ta' fatti inveritjieri u defamatorji. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellat hawn ghandu ragun. Dan ghaliex il-punt tat-tluq illi ghandha issegwi il-Qorti meta tigi biex taghmel valutazzjoni ta' artikolu inkriminanti f'kawzi ta' libell huwa essenzjalment il-verifika dwar il-veracita tal-fatti irrappurtati. Ma hemmx dubbju illi l-artikolu ghandu bixra gurnalistika u mhux opinjonista.

"***F''materja ta' responsabilita` civili ghad-diffusjoni ta' nformazzjoni bil-mezz stampat, wiehed irid izomm dejjem in mira fl-analizi tal-kaz partikolari dawn l-aspetti:-***

***(i) ir-rikostruzzjoni oggettiva tal-fatti;***

***(ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba;***

***(iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem gie awspikat ghandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwizit ta' certa kontinenza u, ghaldaqstant, f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'attakki personali virulent.***

***Dan ifisser illi ghall-iskop tal-iskriminanti huwa necessarju li <u>l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verita` oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali tal-esposizzjoni taghhom.</u> Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti tal-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini tal-attendibilita` taghhom.***

***Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi e` un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo". Anthony De Giovanni vs Mark Lombardo App.Inf. 24/11/2003.***

Illi huwa hawnhekk illi zbalja l-appellanti. Dana ghaliex l-artikolu minnu redatt ghalkemm kellu bixra informattiva dwar il-fatt illi l-istazzjoni tar-radju immexxi mill-appellanti The Voice of the Mediterranean, kien gie taht l-iskrutinju tal-Awditur Generali, madanakollu huwa imbaghad meta ghamel referenza ghal-kuntratt moghti, volutament jew involutament espona fatti li kienu inveritjieri jew "*misleading*". Tant hu hekk illi ftit tal-jiem wara saret rettifika tal-fatt ippubblikat fis-sens illi l-artikolista spjega illi l-kuntratt li inghata mill-istazzjoni ma giex iffirmat ma'iben l-appellat, izda ma' kumpanija lli kienet timpjegah. Dawn l-accertamenti l-appellanti messu ghamilhom sewwa qabel ma ippubblika l-artikolu u mhux wara u dana kif jirrikjedi gurnalizmu serju, izda ghazel li jibqa ghaddej biex johloq iktar sensazzjonalizmu u ippubblika fatti ghal kollox inveritjieri.

Illi skond is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

***"The essential function which the press fulfils in a democratic society is to act as a 'public watchdog' in imparting information of serious public concern (Goodwin v U K 27.3.1996). Although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart information and ideas on all matters of public interest (Jersild v Denmark 23.9.94, De Haes and Giljsels v Belgium 24.2.1997 ECHR). Article 10 of the European Convention on freedom of expression is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population***

***(Handyside v U K 7.12.76). Article 10 of the Convention does not guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern.***

***Under the terms of para 2 of the article, the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities" (**bhal f'dana l-kaz**) "for the protection of the reputation or rights of others". By reason of these "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguards afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that <u>they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism</u> (Goodwin judgement u Fressoz and Roire judgment).***

Kwindi il-kwistjoni dwar jekk l-appellat jikkwalifikax bhala persuna pubblika u ghalhekk ghandu ikun soggett ghal kritika aktar harxa fuq l-agir tieghu, huwa ghal kollox irrilevanti billi gie stabbilit *a priori* u dana anke *ex admissis* mill-appellanti stess illi l-fatti rappurtati minnu kienu zbaljati tant illi ftit jiem wara giet ippubblikata kjarifika fil-gazzetta The Maltatoday. Illi anke fir-rigward tal-kjarifika li saret mill-appellanti, u mhux apologija, kif allega fir-rikors ta'l-appell, din ma inghatax il-prominenza mehtiega u dan billi giet inserita fil-qiegh ta' faccata fil-gurnal f'kaxxa zghira, fejn reklam fil-vicin taghha inghata iktar prominenza minnha.

Premess dan allura anke it-tieni aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti, dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti huwa ukoll irrilevanti ghal ezitu ta' dana l-appell. Dan ghaliex huwa fatt stabbilit illi l-artikolista ippubblika fatti inveritjieri. Illi l-appellanti jipprova ighid illi il-fatt illi iben l-appellat kien impjegat ma' kumpanija li kienet qed toffri is-servizzi taghha lill-istazzjoni u mhux direttament mall-istazzjoni ghandu igorr fih l-istess implikazzjoni ghall-qarrej ordinarju. Dan huwa ragunament ghal kollox zbaljat. L-implikazzjonijiet li kien igorr mieghu l-artikolu meta espona bhala fatt illi l-istazzjoni tar-radju kien ingagga direttament lil iben l-appellat b'kuntratt li jiswa Lm140000, meta dan ma kienx minnu ma jista' qatt jigi ekwiparat mal-fatti kif

sehhew fil-verita' u cioe' illi l-kuntratt kien gie moghti lill-kumpanija Cyberspace fejn *di piu* l-valur ta'l-istess kien ferm inqas minn dak mistqarr fil-pubblikazzjoni. Dan ghaliex bil-mod kif gie redatt l-artikolu inkriminanti kien hemm implikazzjoni illi iben l-appellat ibbenifika direttament meta inghata ammont konsiderevoli ta' flus minn fondi pubblici meta dan ma kienx minnu. Huwa dan il-fatt li l-artikolista ried igib a konjizzjoni tal-qarrejja tieghu, fatt lil kien ghal kollox infondat.

"***The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning" – Gatley on Libel and Slander***.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fl-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha fis-sens tal-motivazzjoni illi l-fatti fil-kitba nkriminanti ma kienux jirrispekkjaw il-verita`. Dan ghaliex kien bil-wisq evidenti illi l-messagg li ried ighaddi l-appellanti lil qarrejja, kien messagg ghal kollox zbaljat li kellu jikkjarifika ftit tal-jiem wara.

"**Ifisser allura illi fejn jigi stabbilit illi l-fatt attribwit kien inkomplet jew addirittura inveritjier dan jaghti lok ghal lezjoni tar-reputazzjoni personali. Una volta, imbaghad, tigi provata l-lezjoni, d-dannu jitqies "in re ipsa"." – Bonello Dupuis vs Grixti Appell Inferjuri deciza 15/12/2003.**

Illi ghalhekk jifdal sabiex jigi mistharreg l-ahhar aggravvju migjub 'il quddiem mill-appellanti dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Ewwel Qorti. L-appellanti jargumenta illi l-appellat ma sofra l-ebda hsara bil-pubblikazzjoni mertu tal-kaz billi l-hsara kienet diga sehhet meta l-agir tieghu kien gie indagat mill-Awditur Generali. Illi l-Qorti tqies illi dan l-argument huwa wiehed fallaci. Dan ghaliex il-publikazzjoni bil-mod kif saret setghet taghmel iktar hsara lill-appellat gjaldarba huwa kien qieghed jigi sottopost ghall-iskrutinju pubbliku billi jigu addebitati lilu fatti inveritjieri meta dawk l-istess fatti kienu ghadhom qed jigu ezaminati. Illi ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti ma ghandux ragun fl-argumenti migjuba 'il quddiem minnu in konnessjoni mal-

likwidazzjoni tad-danni, madanakollu ghandu ragun f'punt wiehed u dan ghaliex il-Qorti ma tarax 'il ghala kellha issir distinzjoni bejn il-hsara maghmula bil-pubblikazzjoni ta'l-ewwel artikolu mertu ta'l-appell bin-numru 217/2006 li ser jigi deciz ukoll kontestwalment u l-appell odjern fuq il-bazi illi l-hsara kienet diga sehhet bil-publikazzjoni ta'l-ewwel artikolu. Dana ghaliex l-appellanti messu kellu zmien bizzejjed bejn il-publilkazzjoni ta'l-ewwel artikolu fid-09 ta' Lulju 2006 u imbaghad it-tieni wiehed mertu ta' dana l-appell fit-23 ta' Lulju 2006 sabiex jaghmel l-accertamenti mehtiega, haga li baqa' ma ghamilx sabiex b'hekk kompla ighaddi messagg hazin lill-qarrejja tieghu ghad-detriment ta'l-appellat. Kwindi ghalkemm il-Qorti ma tarax illi ghandha tvarja l-ammont ta' danni likwidati f'din il-vertenza, tqies illi id-danni ghandhom jigu stabbiliti f'ammont ugwali billi il-hsara li saret kienet wahda u kienet tali illi setghet tigi evitata fit-tieni pubblikazzjoni bil-verifiki opportuni minn naha ta'l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata. L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------